MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 183/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**HENRY-JOHN XUEREB**

**Illum 29 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Henry-John Xuereb ta' 40 sena, iben Lawrence u Mary nee` Dalli, imwieled 19 ta' April 1963 Paola, u residenti 'Sayonara' Triq iz-Zebbuga, Gudja, ID 257963M gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-26 ta' Frar 2004 ghal habta tal-erbgha u kwart ta' filghaxija (4.15pm) gwwa Triq Santa

Margerita San Gwann, ikkommetta serq ta’ digital camera tal-marka BENQ, mazz cwievet u kif ukoll handbag minn gewwa l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAC113 tal-ghamla Hyundai u dan ghad-dannu ta’ raphael Attard Flores, liema serq ma ceddix il-Lm100 u li huwa ikkwalifikat bix-“xorta tal-haga misruqa”, u dan bi ksur ta’ Artikolu 271 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MS3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr. Michael Sciriha ghall-imputat iddikjara li l-imputat qed jobbliga ruhu li jhallas id-danni sofferti lil Raphael Attard Flores, liema danni jammontaw ghas-somma ta’ Lm80, u li dan jaghmlu fi zmien xahrejn millum.

Inoltre innutat li l-parte civile Raphael Attard Flores fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum accetta dan it-terminu tal-hlas.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(g), 271(g) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Henry-John Xuereb, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr. Michael Sciriha ghall-imputat iddikjara li l-imputat qed jobbliga ruhu li jhallas id-danni sofferti lil Raphael Attard Flores, liema danni jammontaw ghas-somma ta' Lm80 u li dan jaghmlu fi zmien xahrejn millum, il-fatt li l-parte civile Raphael Attard Flores fil-Verbal tas-Seduta ta' llum accetta dan it-terminu tal-hlas, il-fatt li fl-istess Verbal l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputat, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Henry-John Xuereb l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------